# IL-PRESEPJU

Ħarġa 83 - Jannar 2015




***Fuljett maħruġ mill-***
***Għaqda Ħbieb tal-Presepju Malta***

c/o Amaltea, 56, Triq il-Marg, Attard ATD 2382 - Malta

GĦAQDA ĦBIEB TAL-PRESEPJU
Malta
1986

**Newspaper Post**

Fuljett maħruġ kull tliet xhur
mill-Għaqda
Ħbieb Tal-Presepju,
Malta.

VO/0844

*Kull korrispondenza
għandha tiġi indirizzata*
lis-Segretarju,
is-Sur Charles A. Bellia
'Amaltea'
56, Triq il-Marġ,
Attard ATD 2382,
Malta

**IL-PRESEPJU**
jitqassam lill-membri
tal-Għaqda u għalhekk
biex tirċevih ħallas
il-miżata ta' €5 kull sena
lill-kaxxier.
Kontribuzzjonijiet oħra
tagħkom ħalli jinfdew
il-ħlasijiet ta'
l-istampar huma ferm
apprezzati.

Apprezzament speċjali jmur
għas-Sinjura Jessie Chircop
li ħadet ħsieb
il-'proof-reading'

# Werrej

L-Editorjal ........ 3

Kelmtejn mill-President ........ 4

Simboli tal-Milied ........ 5

Ħsibijieti fuq il-Presepju ........ 6

Laqgħa Ġenerali Annwali ........ 7
- Aġenda ........ 8
- Formola għan-Nominazzjoni ........ 9

Emendi fl-Istatut ........ 10

Mozzjonijiet ........ 10

Ħlas Tal-Miżata ........ 10

Din id-darba... Morna Sqallija ........ 11

Kont taf? ........ 13

Pasturi Koroh ........ 14

Kristu l-ewwel Valur ........ 15

Wirja 2014 ........ 16

**Stampat: BEST Print CO. LTD**
Żurrieq Road, Qrendi.
Tel: 2168 0789, 2164 9012
bestprint@maltanet.net

**Setting:**
**Aldo Busuttil**

**L-Għaqda Ħbieb tal-Presepju Malta, tixtieq tirringrazzja lil kull min kiteb f'din il-ħarġa tal-fuljett.**

# L-Editorjal

Kull sentejn jasal iż-żmien li t-treġija tal-Għaqda teliġi kumitat ġdid biex jieħu ħsieb it-tmexxija u l-andament tal-Għaqda. Huwa mument li kull membru għandu dmir li jattendi għal-laqgħa ġenerali li fiha huwa għandu ċ-ċans li jwassal il-fehmiet tiegħu u anke jtella' membri biex jiffurmaw il-kumitat.

Il-laqgħa hija mportanti ħafna biex dak li jkun jisma' u jgħarbel ix-xogħol tal-kumitat. Mhux qed ngħid li għandu jkun hemm skrutinju mill-membri, li dak li jkun minflok jgħin, ikun qed ifixkel. Kummenti kostruttivi tajjeb li nagħmluhom. Opinjonijiet wieħed għandu jesprimihom.

Fejn ma naqblux wieħed għandu jiddiskuti l-ħsieb tiegħu. Żgur li mhux kulħadd se jkollu l-istess fehma. B'rieda tajba l-għaqda jkollha kumitat għaqli u ħabrieki, kif dejjem kien hemm. M'hemmx għalfejn tkun taf kif tagħmel presepju biex tkun fil-kumitat. Tajjeb li jkollok rieda tajba u żżomm quddiem għajnejk il-messaġġ tal-presepju. Dik ta' Paċi u Sliem.

Jien ma tantx nixtieq intawwal ħafna din id-darba. Nagħmel appell biex dawk li jixtiequ jidħlu fil-kumitat, speċjalment iż-żgħażagħ, jersqu 'l quddiem għax l-għaqda tiddependi fuqhom. Tajjeb li nkomplu nsaħħu fuq dak li nbena tul is-snin. Grazzi u nispera li tirrenja l-armonija waqt l-andament tal-laqgħa ġenerali.

**Frans Chircop**
**Editur**

LAQGĦA ĠENERALI ANNWALI

**Nhar l-Erbgħa 4 ta' Marzu, 2015**

Fiċ-Ċentru tal-Volontarjat

181, Triq Melita, Valletta

Dettalji f'paġna oħra ta' dan il-fuljett!

# Kelmtejn mill-President



**Andrew Spiteri**
**President**

Kif inthom ħbieb? Bl-għajnuna t'Alla għaddiet sena oħra li kienet impenjattiva b'ħafna attivitajiet lokali u internazzjonali. Kellna s-soltu lectures u kors dwar il-bini tal-presepji li għalihom attendew numru sabiħ ta' membri u ħbieb. Dan jagħmlilna kuraġġ biex fil-futur inżiedu dawn l-attivitajiet.

F'Settembru bdejna nippreparaw għan-Notte Bianca. B'diżappunt ngħid li din id-darba ma tantx ħriġna sodisfatti bl-attendenza tal-pubbliku. Veru li t-temp ma tantx kien inkoraġġanti, imma anqas min-naħa tal-organizzaturi ma kellna appoġġ.  Saħansitra ħallewna barra mill-programm uffiċċjali. Il-kumitat il-ġdid irid jirifletti sewwa fuq is-sehem tagħna għall-edizzjoni li jmiss. Għalkemm il-Kunsill preżenti iddiskuta u ħa anke passi dwar dan, ma tantx kellna ċans nintilfu fuqu għax kellna biċċa xogħol oħra fuqhiex naħdmu.

Il-wirja u ġita fi Sqallija kienu biss ftit ġimgħat il-bogħod u għalhekk il-preparamenti kienu urġenti. Il-programm tal-ġita kien lest u l-grupp kien ingħaqad. Kien jonqos li jinġabru l-presepji u jiġu ppreparati għall-vjaġġ lejn Acitrezza.  Fl-istess żmien kienet qed tintrama s-Sala San Franġisk fil-Belt biex tilqa' l-wirja annwali ta' presepji. Hawnhekk irrid ngħid grazzi lill-membri kollha tal-Kunsill u membri oħra li ħadmu b'koordinament sħiħ biex ix-xogħol ikun jista' jimxi 'l quddiem.

Dan kollu u aktar ser nisimgħu dwaru fil-Laqgħa Ġenerali Annwali li ser issir f'Marzu li ġej (ara l-Avviż f'paġna oħra tal-fuljett). Nistennew anke l-kummenti tagħkom dak inhar. F'din il-laqgħa ser jiġi wkoll elett il-Kunsill Amministrattiv għas-sentejn li ġejjin. Inħeġġeġ lil membri kollha, partikolarment dawk ġodda, li jistgħu jagħtu sehem fil-ħidma tal-Għaqda, biex  jitfgħu in-nomina tagħhom.

Grazzi u nsellmilkom.



29 ta' Marzu, 2015

**ĦADD IL-PALM**



***Inżuru Vari u Wirjiet tal-Ġimgħa l-Kbira imtella' minn Dilettanti Maltin!***

Nitilqu minn ħdejn Kristu Re, l-Furjanafit-8.30am (Lura għal-ħabta tas-1.00 pm.)

Prezz:  €5.00    Tfal taħt 11 il-sena ma jħallsux.

**Bookings jagħlqu nhar l-Erbgħa 25 ta' Marzu, 2015.**

Biex tibbukkja ċempel: 2143 6174   9940 6645 jew eMail: charbel@onvol.net.

# Simboli tal-Milied

## Il-Qniepen tal-Milied

Il-qniepen tal-Milied jesprimu ferħ. Id-daqq ta' festa jħabbar ferħ kbir. Fi żmien il-Milied, huwa simbolu ta' ferħ għax iħabbar t-twelid ta' Kristu. Huma jissimboleġġjaw il-ferħ tagħna għax Kristu sar ħuna w 'l Feddej tagħna. Għalhekk meta nżejnu bil-qniepen, nuru l-ferħ tagħna fil-Milied.

## Blalen tal Kulur

Il-blalen tal-kulur ifissru l-għemejjel tajba li aħna nagħmlu f'ħajjitna. Il-blalen għandhom għamla u kuluri differenti biex jissimboleġġjaw li l-għemejjel kollha tajba tagħna għandna npoġġu fl-ewwel post il-quddiesa ta' nhar ta' Ħadd, il-Qrar u t-Tqarbin. Il-blalen huma marbuta mas-siġra tal-Pine biex juruna li l-għemejjel tajba li nagħmlu għandhom ikunu magħquda ma Kristu u għall-glorja tiegħu.

## Xama tal-Milied

Ix-xama tal-Milied jissimboleġġjaw il-figura ta' Kristu bħala d-Dawl tad-dinja. Hu nnifsu jgħid: Jien id-dawl tad-dinja, ġejt fid-dinja biex min jemmen fija ma jibqgħax aktar fid-dlam. Ix-xama wkoll tfisser il-fidi tagħna.

## Ġewż u Ġellewż

Dan hu simbolu ta' umilta'. Bħalma dan il-frott hu moħbi fil-qoxra kera u iebsa, hekk ukoll fid-dehra fraġli ta' tarbija, hu moħbi Alla magħmul bniedem, umli imma ta' kobor bla qies. Dan it-tiżjin ifakkarna li kull ħaġa materjali tintemm. Aħna wkoll nafu li l-bniedem jinħtieġ lil Kristu biex jgħix spiritwalment. Bla Kristu l-ħajja spiritwali tagħmna titbiel u tmut.

Meħuda mill-fuljett **"Leħen il-parroċċa taż-Żurrieq"** - Diċembru 1997

# Għanijiet

## tal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju

**huma:**

*• Li l-presepju jkompli jinbena fil-familji Maltin fil-Milied*
*• Li tkabbar aktar sens ta' ħbiberija fost id-dilettanti tal-presepju*
*• Li tappoġġja x-xogħol tal-artisti u tal-kittieba fejn jidħol artiġġjanar u letteratura konnessi mal-presepju*
*• Li torganizza korsijiet u lectures konnessi mal-bini tal-presepju*
*• Li twaqqaf wirja permanenti tal-presepju*
*• Li toħloq relazzjonijiet kemm fuq bażi nazzjonali u internazzjonali ma' entitajiet simili. Dawn ir-relazzjonijiet iservu għal bdil ta' aħbarijiet kif ukoll għal pubblikazzjonijiet dwar xogħlijiet tal-presepju.*

# Ħsibijieti fuq il-Presepju

**Frans Chircop**

Qisu ilu żmien twil li għadda l-Milied! Għadu biss għadda xahar minn meta ċċelebrajna t-twelid ta' Ġesu Bambin. Għalkemm f'għajnejn in-nies xahar huwa żmien qasir, l-affarijiet li jsiru madwarna jaljenawna mill-ġrajjiet li jkunu seħħew ftit taż-żmien qabel. Dejjem hekk jiġri u alla ħares ma jkunx hekk.

Bdiet sena ġdida, sena li hekk kif bdiet tiegħu r-rankatura kollha kemm aħna meddejna rasna għax-xogħol. Min kompla bl-impjieg li kellu u min, bħali, pensjonant, kompla bir-rutina ta' kuljum. Tħares minn liema naħa tħares, dejjem hemm xi ħaġa sabiħa. Ħa nitkellem minn naħa tiegħi. Issa qed nsib aktar ħin naħdem fuq id-delizzju tiegħi – il-Presepju. Nieħu gost nikkummenta fuq il-presepji li nkun għamilt jien. Dejjem insib x'nikkritika. Daqqa xi ħadd jgħaddili xi kumment, oħrajn jitfgħuli xi kumpliment. Insomma noqgħod inħammem fuq dak li smajt u li ġbart minn fomm in-nies, li ngħiduha kif inhi, mhux dejjem ikunu kumplimentużi fl-għażla tal-kliem li jużaw. Hemm jibda joħroġ il-karattru tal-individwu.

Mhux l-ewwel darba li ħadt għalija għax deherli li kienu eseġerati fil-kummenti li għaddewli. Kien hemm min, saħansitra, bil-kemm kemm ma riedx jgħid li dak li kien qed jara kien kollu kemm huwa logħob tat-tfal. Darba minnhom kwazi qabżitli, iżda is-snien ta ħalqi żammew ir-risposta li żgur kienet tweġġgħu. Hawn tgħallimt lezzjoni... mhux kulħadd jaf japprezza dak li tkun għamilt b'tant sagrifiċċji u dedikazzjoni.

Din il-krittika daħħlitni f'qoxorti u rriflettejt fuq il-ġrajja tat-twelid tal-Bambin. Kemm qala' kummenti Ġużeppi hu u għaddej b'Marija fl-istat li kienet fih, riekba fuq il-ħmara u tqila b'tarbija, jfittex kenn għalihom!! Kemm għaddewlu botti għax kellu jistkenn ġo għar fqajjar fejn Marija weldet it-tarbija!! Min jaf kemm ħass ġo fih x'ħin beda jisma' min jiddieħak bih u jwaqqgħu għaż-żufjett. Iżda ta' bniedem li fehem is-sehem tiegħu fil-ġrajja tal-inkarnazzjoni, ħa kollox bir-rassenjazzjoni u bela' ġo fih l-umiljazzjoni tal-mument. Ħadd ma kien grat lejn dak li kien qed jagħmel Ġużeppi għan-nom ta' Marija u t-tarbija. Saħansittra kien hemm min warrabhom. Dik mogħdrija!!! Pero', ta'raġel twajjeb li kien, kompla l-missjoni tiegħu. Żamm ġo fih dak kollu li l-folla, li kien hemm f'Betlem għaċ-ċensiment, kienu għaddewlu meta rawh f'dik is-sitwazzjoni. Iva, dan jgħaddi minn moħħi kull darba li xi ħadd jikummentali fuq xi presepju li ma tantx ikun laqtu.

Kummenti kostruttivi tajjeb li nagħmluhom, għax dak li jkun jagħmel kuraġġ. Ix-xogħol li jkun ser jagħmel aktar 'l quddiem jipprova jtejbu mill-aħjar li jista'. Kummenti distruttivi ma jagħmlu tajjeb lil ħadd. Anzi l-bniedem li jkun irċevihom jaf jaqta' qalbu u tiskuraġġih. Għalfejn dan? Bniedem għandu dritt li jipprova, għandu dritt li jiżbalja għax b'hekk biss jista' jitgħallem. Jien, l-ewwel presepju li għamilt tal-foam, naf li kien tal-waħx, kien ikrah ħafna, pero' ma qtajtx qalbi. Kien hemm min lanqas biss ried iħares lejh. Kien hemm min l-anqas qatt ma ried jaf b'dan il-materjal. Naħseb li anke ix-xitan fl-aħħar qal li sab xi ħaġa li hija aktar kerha minnu!! Iż-żmien u l-inkuraġġiment ta' ċertu nies saħħewni biex inkompli nesperimenta.... Llum għandhom naqra forma u nieħu pjaċir li nesebixxi.

Ħbieb, ejja nagħmlu kuraġġ u naraw kif l-aħjar li nistgħu nwasslu l-messaġġ tal-Milied permezz tal-presepju.

# Laqgħa Ġenerali Annwali

**Charles A. Bellia**
Segretarju

Bħal kull sena parti sew mill-ewwel ħarġa tal-fuljett tagħna għall-2015 qed tkun dedikata għall-Laqgħa Ġenerali Annwali. Ir-raġuni hija waħda sempliċi...bħal kull għaqda jew assoċjazjoni oħra, l-Għaqda Ħbieb tal-Presepju – Malta, hija marbuta bi statut li jobbliga lit-tmexxijja tal-istess Għaqda biex tlaqqa' l-membri u filwaqt li tagħti rendikont ta' dak li jkun sar matul it-tnax il-xahar li jkunu għaddew, tipproponi u tiddiskuti xi pjanijiet ġodda li jkunu mistennija jinħolqu matul is-sena li tkun għadha kemm bdiet.

Il-Laqgħa ta' din is-sena għandha element ieħor importanti għaliex minnha jrid jiġi elett il-Kunsill Amministrattiv għas-sentejn li ġejjin. Dan il-Kunsill irid mhux biss ikompli jżid il-popolarita tal-presepju permezz ta' attivitajiet li jsiru regolari, imma ser ikun mistenni li joħloq attivitajiet ġodda kemm lokali kif ukoll barra xtutna.

L-Għaqda Ħbieb tal-Presepju – Malta twieldet, għexet u ser tibqa' miexja l-quddiem bħala għaqda magħmulha mid-dilettanti tal-presepju, imma t-tmexxijja tagħha trid tkompli tibni l-futur b'mod dejjem aktar serju u professjonali. Dan iktar u iktar meta minn ftit tas-snin 'l hawn, irnexxielna noħolqu mhux biss kuntatti imma wkoll kollaborazzjoni ma għaqdiet bħal tagħna barra minn Malta. Grazzi għal din l-attivita il-presepju Malti sar magħruf ukoll f'pajjiżi oħra u qed iżewweġ il-kultura ta' pajjiżna ma' dik ta' pajjiżi oħra.

Dan ifisser li r-responsabilta tat-tmexxija tal-Għaqda m'għadhiex biss dik li tagħmel xi lecture u ttella' wirja ta' presepji, imma tiġbor fiha wkoll għanijiet iktar nobbli, fosthom dak li tpoġġi l-presepju, partikolarment dak Malti, fuq pedestal li madwaru jiġi ċċelebrat il-Milied. Dan li jfisser li tmexxi 'l quddiem l-għanijiet tal-Għaqda.

Għalhekk, biex il-futur tal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju – Malta, jkun wieħed sabiħ u li jagħti l-frott, hu meħtieġ li l-membri tal-Kunsill ikunu dedikati u lesti biex jekk u meta jkun hemm il-bżonn imiddu għonqhom għax-xogħol anke bi ftit sagrifiċċju. Veru li l-Għaqda tagħna hi bbażata fuq il-volontarjat, imma dan ma jfissirx li wieħed jista jaħdem kif, meta u x'ħin irid. Kollox sew, il-volontarjat ma joffrix ħlas għax-xogħol mitlub, imma jesiġi li min jidħol għal impenn, jagħti sehmu kif jixraq biex dak l-impenn jitwettaq mingħajr tfettieq żejjed li kull ma jagħmel itellef il-ħin u l-enerġija ta' min ikun irid verament jaħdem.

L-Għaqda għandha bżonn ukoll imħuħ b'idejat ġodda dwar kif jistgħu jintlaħqu aktar l-għanijiet. Imħuħ żgħażagħ li joffru idejat moderni ta' tmexxijja. Għandha bżonn element li jgħati nifs frisk mimli enerġija biex deċiżjonijiet li jittieħdu jitwettqu b'mod aktar professjonali u effettiv.

Għalhekk nistiednek tersaq 'l quddiem u b'mod ġenwin tagħti sehmek biex il-Milied ikun iċċelebrat madwar il-Presepju.

# Nhar l-ERBGĦA
# 4 ta' Marzu, 2015 fis-5.45 p.m.

# LAQGĦA ĠENERALI ANNWALI 2015

## Ċentru tal-Volontarjat,
## 181, Triq Melita, Valletta

## AĠENDA:

1. Ftuħ mill-President
2. Ħatra ta' Chairman biex imexxi l-Laqgħa
3. Ħatra ta' 2 Tellers f'każ li tkun meħtieġa votazzjoni.
4. Qari tal-Minuti tal-aħħar Laqgħa Ġenerali
   Kummenti u approvazzjoni
5. Rapport Amministrattiv
   Kummenti, replika mis-Segretarju u approvazzjoni ***
6. Rapport Finanzjarju
   Kummenti u approvazzjoni
7. Emendi għall-Istatut u Mozzjonijiet.
8. Ħatra ta' żewġ Reviżuri għas-sena 2015/2016
9. Riżultat tal-Elezzjoni għall-Kunsill – jekk issir
10. Egħluq tal-Laqgħa miċ-Chairman u aġġornament.

## Noti:

1. F'każ ta' nuqqas ta' *Quorum* fis-5.45 p.m il-laqgħa tibda fis-6.00 p.m bil-membri preżenti.

*** **Kull kumment jew suġġeriment dwar l-Għaqda jew l-andament tagħha għandhom isiru immedjatament wara l-qari tar-Rapport Amministrattiv. Ma jkunx hemm ħin ieħor għal dawn il-kummenti.**

**Charles A. Bellia**
Segretarju

# GĦAQDA ĦBIEB TAL-PRESEPJU - Malta

**ELEZZJONI KUNSILL AMMINISTRATTIV 2015/2016**

*Nominazzjoni għall-Membri fil-Kunsill Amministrattiv* **N.B. UŻA ITTRI KBAR**

Isem il-persuna nominata: [ ] I.D. No ..............................

Indirizz: ..........................................................................................................................

..........................................................................................................................................

Proponent: ........................................................................... I.D. No ................................

Indirizz: ..........................................................................................................................

..........................................................................................................................................

Skondant: ........................................................................... I.D. No ................................

Indirizz: ..........................................................................................................................

..........................................................................................................................................

| Firma Proponent | Firma Sekondant | Firma tal-persuna Nominata |
|---|---|---|

## Statut - Artiklu 5 - Elezzjonijiet U Votazzjonijiet

5:1 L-Elezzjoni għall-Kunsill Amministrattiv tal-Għaqda ssir kull sentejn waqt il-Laqgħa Ġenerali Annwali.

5:2 Tal-inqas tliet ġimgħat qabel il-Laqgħa Ġenerali li matulha tkun ser issir l-elezzjoni, jintbagħat avviż bil-miktub lill-membri kollha tal-Għaqda li jkun jinkludi formola għan-nominazzjoni ta' kandidati għall-membri tal-Kunsill.

5:3 In-nominazzjoni għall-membri tal-Kunsill tkun tinħtieġ proponent u sekondant li jkunu regolari fil-ħlas tal-miżata u jkunu għalqu tmintax-il sena.

5:4 Kull nominazzjoni irid ikollha l-firma tal-kandidat li jaċċetta n-nomina.

5:5 F'każ li n-numru ta' nominazzjonijiet għall-membri tal-Kunsill ikun ta' ħdax (11), dawn jiġu eletti awtomatikament.

5:6 Jekk in-numru jkun inqas minn ħdax (11)-il persuni nominati jiġu eletti awtomatikament u, waqt il-laqgħa, ssir sejħa għal iktar nomini biex jintlew il-postijiet li jkun jonqos.

5:7 Kull elezzjoni għandha ssir b'vot sigriet u titmexxa minn kummissjoni ta' mhux inqas minn tnejn min-nies li jiġu magħżula għal dan l-iskop waqt il-Laqgħa Ġenerali.

5:8 Ir-riżultat ta' kull elezzjoni jingħata fl-istess laqgħa wara li jsir l-għadd tal-voti. Il-kandidati jistgħu jattendu għall-għadd tal-voti.

## Emendi għall-Istatut

Il-Laqgħa Ġenerali hija l-forum li fih jistgħu jsiru emendi għall-Istatut tal-Għaqda. Kull proposta, sew jekk emenda jew żieda għandha tkun iffirmata minn proponent u sekondant li jkunu regolari fil-ħlas tal-miżata u jkunu għalqu 18 il-sena.
Proposti għal emendi jew żieda fl-Istatut tal-Għaqda għandhom jintbagħtu bil-posta lis-Segretarju sa mhux aktar tard min-nhar l-**Erbgħa 18 ta'Frar, 2015.**

## Mozzjonijiet

Fil-Laqgħa Ġenerali jistgħu ukoll jitressqu Mozzjonijiet li jindirizzaw l-andament tal-Għaqda fil-ħidma tagħha. Dawn ukoll għandu jkollhom proponent u sekondant u jintbagħtu lis-Segretarju biex wara li jiġu studjati mill-Kunsill Amministrattiv jitressqu għad-diskussjoni u approvazzjoni fil-Laqgħa Ġenerali.

Mozzjonijiet bħal dawn għandhom jintbagħtu bil-posta lis-Segretarju sa nhar l-**Erbgħa 18 ta' Frar, 2015**.

# Ħlas Tal-Miżata

## Xi jgħid l-Istatut dwar il-ħlas tal-Miżata?

Art. 3:3 Is-sħubija fl-Għaqda hija suġġetta għal ħlas ta' miżata annwali li tista' tinbidel minn żmien għal żmien fuq deċiżjoni tal-Kunsill Amministrattiv.

Art. 3:4 Il-ħlas tal-miżata għandu jsir mhux aktar tard mit-30 ta' April ta' kull sena. Min jonqos jitlef id-dritt għal xi benefiċċji li jiġu offruti lill-Membri tal-Għaqda.

Art.3:9ċ Persuna ma tibqax membru tal-Għaqda jekk ma tħallasx il-miżata dovuta għal sentejn konsekuttivi.

**Jekk fil-ħlas tal-Miżata tiegħek mhux aġġornat**
**ma tkunx tista' tinnonima jew tivvota fil-Laqgħa Generali**
Jekk inti qiegħed lura f'dan il-ħlas, ħu ħsieb biex tirregolarizza ruħek skond l-Istatut.

Il-Website tagħna toffri kuntatt
lil kull min jixtieq isir jaf aktar dwar
l-Għaqda Ħbieb tal-Presepju – Malta.
Għaddi l-indirizz lil ħbiebek u qrabatek
speċjalment emigranti.

**www.presepjumalta.org**

# din id-darba... Morna Sqallija

**Charles A. Bellia**
Segretarju / PRO

Minn ftit tas-snin 'l hawn, anke minħabba il-preżenza tagħna fuq l-*Internet*, l-għarfien għall-Għaqda Ħbieb tal-Presepju – Malta żdied sew u ħareġ ukoll barra xtutna. B'riżultat ta' dan, il-ħidma tagħna b'risq it-tradizzjoni sabiħa tal-presepju qed tkun apprezzata anke f'pajjiżi barranin, bir-riżultat li qed jiżdiedu l-iskambji ta' xogħlijiet presepistici ma' għaqdiet barranin.



Parti mill-Wirja fl-Awstria - 2008

Għadna niftakru sew l-ewwel esperjenza li kellna meta ħamsa u għoxrin presepju Awstrijak inġiebu għal wirja tagħna f'Malta fil-waqt li daqstant presepji Maltin kienu esibiti fil-Krippen Museum ta' Voesendorf, l-Awstrija. Ftit taż-żmien wara, flimkien mal-Amici del Favo, għaqda Siċiljana, offrejna lil pubbliku Malti presepju maħdum mill-melħ bi statwi tat-terracotta minn Caltagirone. B'firxa ta' madwar 70 metru kwadru, dan kien wieħed mill-akbar presepji li qatt żaru Malta. Fl-2012 ħmistax-il presepju maħdumin totalment mill-qasab waslu Malta minn Chieti, l-Italja biex ikomplu jsebbħu l-wirja annwali tagħna fis-Sala San Franġisk. Sadanittant, il-presepji tagħna wkoll ivvjaġġaw u tgawdew f'wirjiet barranin. Nistgħu insemmu l-presepju Malti li kien esibit fil-Kattidral ta' Brussel flimkien ma iktar minn tletin presepju minn pajjiżi oħra, u erġajna stabbilejna l-kuntatt u parteċipazzjoni fil-Mostra dei 100 Presepi li ssir f'Ruma.



Il-Grupp Malti mal-walsa tiegħu fi Giarre.

Fi tmiem is-sena li għadha kemm spiċċat, wettaqna proġett li konna ilna naħdmu għalih mill-bidu tas-sena. Bl-għajnuna ta' numru ta' membri li offrew il-presepji tagħhom, kif ukoll bil-kollaborazzjoni ta' għaqda volontarja minn Aci Castello fi Sqallija, fl-aħħar xahar u nofs tal-2014, wirja ta' presepji Maltin kienet esebita fiċ-Ċentru tal-Pro Loco f'Acitrezza, li hija provinċja ta' Catania. Minkejja li Acitrezza hija pjuttost zona sajfija, u allura fix-xhur xitwin tkun aktarx kwieta, skond informazzjoni mgħoddija lilna mill-Pro Loco tal-lokal, madwar elfejn ruħ żaru l-wirja u apprezzaw il-presepju Malti. Fost dawn tajjeb ngħidu li kien hemm il-membri tal-Air Force Americana stazzjonata f'Sigonella li taw pubbliċita lill-wirja kif ukoll lill-Għaqda tagħna fil-ġurnal tagħhom "***The SIGNATURE***."

Il-preparazzjonijiet għal din l-attivita kien ilhom għaddejjin mill-bidu tas-sena meta l-Għaqda irċeviet stedina biex ittella' numru ta' presepji Maltin f'Acitrezza. Mill-ewwel ħarġet l-ideja li għall-okkażjoni tkun organizzata wkoll gita li matulha jsiru żjarat

lill-presepji f'numru ta' bliet Sqallin. Dan kien ifisser li flok attivita waħda konna ser nispiċċaw bi tnejn. Dan kien ifisser aktar ippjanar, xi ftit aktar uġigħ ta' ras, imma fuq kollox sfida sabiħa li kellha tħalli togħma tajba lil kulmin kien ser jieħu sehem. Wara li nħadem il-programm bażiku għal din iż-żjara tqassam lil dawk interessati. Ma domniex biex għaqqadna l-grupp għal ġita...filwaqt li l-presepji mixtieqa inġabru wkoll u bdew jaslu fil-garaxx fejn kellhom jiġu ppakkjati għall-vjaġġ lejn Acitrezza fil-bidu ta' Novembru. Ġimgħatejn wara, grupp ta' 23 persuna wkoll telaq biex iqatta' ħamest ijiem ta' żjara f'din il-gżira ġar tagħna.



ma' Salvatore Camiolo

Wasalna Catania ftit qabel is-7.00 a.m. Sibna l-coach tistenniena u tlaqna għall-ewwel żjara tagħna...Giarre. Ġie jilaqgħna Salvatore Camiolo, direttur tal-Museo del Presepe li jinsab ftit passi bogħod mid-Duomo majestuż tal-lokal. Flimkien miegħu dħalna fil-mużew fejn stajna nammiraw għadd kbir ta' presepji u pasturi maħdumin u esibiti bl-ikbar sengħa u attenzioni. Qabel tlaqna ħallejna tifkira taż-żjara tagħna ... presepju żgħir tat-terracotta maħdum Malta.

Minn Giarre tlaqna lejn il-lukanda f'Catania, iżda fit-triq waqafna Acireale u Acitrezza għal żewġ żjajjar qosra.

L-għada kienet ġurnata impenjattiva għall-grupp. Morna Caltagirone fejn konna milqugħa mill-President tal-Amici del Favo, Michele Perniciaro. L-ewwel żjara tagħna kienet lill-presepju mibni fil-kripta tal-Kunvent tal-Kapuċċini. Patri Antonino, li qed joqrob sew id-90 sena dawwarna mal-knisja u niżżilna fil-presepju. Wara insista li nżuru l-mużew li tlesta ftit ilu. F'dan il-mużew hemm patrimonju sħiħ ta' paramenti sagri, statwi u oġġetti oħra li jmorru lura mijiet ta' snin u li huma xiehda ta' storja glorjuża tal-Kapuccini f'din il-belt.



ma' Dott. Nicolo Bonanno - Sindku ta' Caltagirone

Ma setax jonqos li Michele joħodna nżuru l-mużew tal-Amici del Favo... mużew mimli presepji u diorami li ma jagħmilx għajb lil belt ta' Caltagirone, meqjusa bħala l-benniena tal-presepju Sqalli.

Iż-żjara tagħna f'din il-belt intemmet b'laqgħa mas-Sindku ta' Caltagirone fil-Municipio. F'din il-laqgħa sar skambju ta' rigali bejn is-Sindku, l-Amici del Favo u l-Għaqda Ħbieb tal-Presepju – Malta. Waqt li sellem lill-grupp, is-Sindku Nicolo Bonanno wera t-tama li wara din il-laqgħa jibdew l-arranġamenti biex tittella wirja ta' presepji Maltin f'Caltagirone.

Wara ġurnata rilassanti f'Taormina, kmieni fil-għodu tal-Ħamis 20 ta' Novembru, waqt li n-nisa fil-grupp tħallew igawdu s-suq ta' Catania, tmienja mill-irġiel telqu lejn Acitrezza biex jarmaw il-wirja li kellha tiftaħ dakinhar stess fil-għaxija. Ħdimna b'mod koordinat u fi ftit siegħat il-presepji kienu kollha f'posthom. Armajna wirja żgħira imma attraenti b'għoxrin presepju offruti lilna mill-membri tagħna f'Malta.



Xena mill-presepju ta' Benedetto Papale
Knisja ta' S. Maria di Betlem - Modica

Tard wara nofsinhar, wara li striħajna ftit, erġajna tlajna Acitrezza bil-grupp kollu biex flimkien mal-Pro Loco ta' Aci Castello ninawguraw il-wirja. Sibna jistennewna għadd sabiħ ta' mistednin distinti fosthom is-Sindku Dr Filippo Drago, Massimo Pellegrino President tal-ProLoco, il-Konslu ta' Malta Dott. Chiara Cali kif ukoll il Kmandant tal-Air Force Americana f'Sigonella. Kienet serata pjaċevoli li matulha kellna kummenti sbieħ ħafna dwar l-artigjanat Malti kif muri fil-presepji tagħna. Is-serata spiċċat b'ikla tradizzjonali f'ristorant tipiki tal-lokal.

Il-missjoni tagħna fi Sqallija, għal din id-darba kienet konkluża. Kien fadal biss l-aħħar żjara. Il-Gimgħa fil-għodu tlaqna lejn Modica biex inżuru presepju monumentali fil-knisja ta' Sta Maria di Betlem. Dan il-presepju b'iktar minn sittin pastur tat-terracotta inbena lejn tmiem is-seklu dsatax minn Padre Benedetto Papale li bħal ma nafu kien introduċa l-presepju Sqalli fl-istess perijodu.

Kienet żjara li ħallitilna togħma tajba, sodisfazzjon għal mod kif il-grupp mexa ma' xulxin kif ukoll għall-akkoljenza li kellna mill-ħbieb tagħna fi Sqallija. Naturalment kellna wkoll għajnuna minn hawn Malta. Ta' din ngħidu grazzi lil Joe Micallef Travel li kkordinalna l-programm tal-ġita u lil Attard Holdings Ltd li wasslilna l-presepji lejn Acitrezza u lura qawwijin u sħaħ. Naturalment l-aħħar imma mhux l-inqas grazzi tagħna tmur lil dawk il-membri li offrew il-presepji tagħhom kif ukoll lil dawk li ngħaqdu magħna fil-mawra tagħna lejn Sqallija.

*Aktar tagħrif u informazzjoni dwar*
*l-*Għaqda Ħbieb tal-Presepju
*tistgħu ssibuh fuq*
**www.presepjumalta.org**

# Kont taf?.....

L-użu tal-ġulbiena fi żmien il-Milied hija drawwa tipika Maltija. Din tinżera' fuq it-tajjar jew is-serratura u titħalla fid-lam biex tibqa' bajda u ma tiħdarx. Madwar il-Bambin jew il-Presepju tkun qisha tiben tal-fidda u bi ftit dawl ġo fiha tagħmel dehra mill-isbaħ. Wara l-Milied, jekk il-ġulbiena tinqata' mill-għeruq u tiddendel biex tinxef, issir tiben fin li nistgħu nużaw fil-presepju s-sena ta' wara.

# Pasturi Koroh

**Marianne Tabone**

Sfortunatamrnt Rebekka kienet waħda minn dawk it-tfal li xejn ma kienet popolari ma' sħabha. Kellha vizzju tgerger kontra ħafna mit-tfal l-oħra. Speċjalment kontra dawk li l-aktar kienu maħbubin mill-oħrajn. Kien hemm okkażjonijiet fejn anke sofriet minn bullying. L-istudenti l-oħra qatt ma ndunaw li aktar kemm tkun imdejqa, aktar kienet tipprova taghmel ħsara b'diskorsha. Il-qagħda fil-klassi kienet saret ċirku vizzjuż. Aktar kemm ikiddu lilha aktar kienet tirrabja u tipprova tpatti. Imma li forsi ħadd ma ta kas kien li dejjem kienet tkun qalbha sewda.

Kien qiegħed joqrob il-Milied u bħas-soltu l-għalliema kienet talbet lit-tfal biex iġibu pasturi mid-dar biex jarmaw presepju fil-klassi. Rebekka ġabet pasturi li kellha d-dar. Kienu pasturi tat-tafal li kienu ġejjin mill-bużnannu tagħha. Kienu pasturi antiki u ta' preġju kbir. Barra milli ma kontx se ssib tixtrihom kieku inbiegħu f'xi rkant, kienu jqumu somma kbira ta' flus.

F'għajnejn Rebekka kienu koroh u bla sura. Qatt ma ġieha f'moħħha li kienu ħafna aktar prezzjużi minn dawk moderni tal-plastik li ġabu t-tfal l-oħra. Gabriella, li kienet tħobb taqbad magħha bdiet tgħajjarha li kienet l-agħar waħda tal-klassi.

Rebekka rrabjat u bejn bir-rabja u bejn bil-biki, qabdet pastur minn ta' Gabriella u sabtitu mal-ħajt tal-klassi. Malli rat il-pastur isir frak, Gabriella bdiet tibki u tixher. Mhux tant għax kienet tapprezza l-pastur imma biex taqla' l-inkwiet. Dak il-ħin l-għalliema kienet qegħda titkellem ma' sħabha fil-bitħa u ma ndunatx x'kien qiegħed jiġri. Għal dak il-ħin il-biċċa waqfet hemm.

Rebekka ma kienx għaddielha. Qabel ħarġu mill-klassi marret inkiss inkiss ħdejn id-desk ta' Gabriella, ħatfet il-Madonna u ħbietha ġo kexxun fejn kienu jinżammu l-pitazzi li tkun trid tikkorreġi l-għalliema. Malli daħlu fil-klassi l-għada filgħodu, Gabriella mill-ewwel indunat li l-Madonna ma kinitx mal-kumplament tal-pasturi tagħha. Qamet bil-wieqfa u bdiet takkuża lil Rebekka li kienet serqitielha hi.

L-għalliema ġabet lil Rebekka ħdejha waqt li tat lill-klassi ħafna somom. Għall-ewwel Rebekka ċaħdet bil-qawwa li kienet ħadet il-Madonna. Imma wara bil-mod bdiet ħierġa l-istorja tal-bullying li kienet issofri u fuq it-tgħajjir li kienet taqla'. Fl-aħħar stqarret li l-pasturi li kienet ġabet hi ma kinux sbieħ bħal tal-oħrajn għax kienu qodma u koroh.

Dakinhar it-tfal ħadu tagħlima li kellha sservihom għall-ħajja u mhux biss għal dakinhar. L-għalliema spjegat li l-fatt li jagħmlu presepju ma kienx ifisser li kienu qegħdin jiċċelebraw il-Milied. Ġesu ma qalilniex biex inżejnu l-klassi u d-dar imma li nżejnu qalbna bl-imħabba. Sewwa Gabriella u sewwa Rebekka kienu naqsu milli jħobbu lil xulxin. Barra minn hekk il-bullying u l-inkejja ta' Gabriella kienu wasslu lil Rebekka biex tpatti.

Wara li ddiskutew l-imġiba ħażina mhux biss taż-żewġ bniet imma anke tal-kumplament tal-klassi li ħallew lil waħda minn sħabhom tinħaqar billi ssir vittma ta' bullying, kellhom sorpriża.

L-għalliema talbet lil Rebekka ġġib il-pasturi fuq mejda quddiem nett tal-klassi. Spjegat li dawk il-pasturi tat-tafal kienu ħafna aktar prezzjużi mill-oħrajn kollha. Kienu antiki għax żgur kellhom mal-mitt sena. Ma kinux jidhru rfinuti bħal dawk moderni għax kienu magħmulin bl-idejn.

Dik is-sena l-pasturi tat-tafal ta' Rebekka ħadu post importanti fil-presepju tal-klassi. U bejn iż-żewġt itfal kibret ħbiberija. Gabriella ndunat li bl-imġieba tagħha kienet qiegħda tagħmel ħajjet it-tifla l-oħra mdejqa. Rebekka ndunat li ma tistax tieħu l-liġi b'idejha. F'każ ta' problemi kellha titlob l-għajnuna tal-għalliema.

Tul iż-żmien qabel ma spiċċat l-iskola għall-vaganzi tal-Milied, kulħadd kien jinnota li Gabriella u Rebekka kienu sikwit imorru id f'id quddiem il-presepju u jitolbu flimkien.

# Kristu l-ewwel Valur

**Pawlu Piscopo**

Wasal il-birthday ta' iben s-sultan, għeluq is-seba' snin u s-sultan ried jagħmillu festa kbira. Żejjen il-palazz bl-aktar purtieri fini tal-bellus u bizzilla, xegħel l-akbar linef, lesta mwejjed bl-ifejn ikel u xorb, kollox servut b'oġġetti ta' deheb u fidda, stieden ħafna kbarat tas-saltna.

Sar il-ħin u dew ġejjin il-mistednin; is-sultan jilqagħhom, imlibbes ta' sultan bil-kuruna fuq rasu, xejn anqas il-mistednin bl-aħjar ilbies u deheb. Il-festa bdiet: jieklu, jixorbu, jitkellmu mal-ħbieb, orkestra mill-aqwa.......

Ħin minnhom is-sultan ftakar fit-tifel: "Fejn hu t-tifel?" U beda jara fejn hu ibnu għax ma rahx fil-festa.

## Ġej il-Milied

Fil-Milied Kristu se jkun għalina l-Ewwel Valur? Jew jasal it-Tielet Millennju tat-Twelid Tiegħu u sejrin nagħmlu bħal dan is-sultan? Sejrin narmaw l-aqwa purtieri, sejrin nixegħlu d-dar b'ħafna dawl u dekorazzjonijiet, xi Christmas Tree, inħejju ikliet (sa ċertu punt li kollox isir bil-qies, xejn ħażin).

Imma t-tifel fejn hu? Fejn hu Ġesù Bambin fil-Milied tiegħek? Għaliex il-Milied mingħajr Ġesù mhu Milied xejn, bħal presepju bla Bambin.

Fil-luturġija l-knisja tħejjina għall-Milied bil-ġranet tal-Avvent li hu żmien li fih niċċelebraw u nġeddu fostna il-miġja tal-Mulej. Bħala nsara qegħdin nuru ruħna bħala nies li kollhom tama u b'ħerqa kbira jistennew lill-Feddej ta' ħajjithom?

Il-Knisja disat ijiem qabel il-Milied tagħmel in-novena, b'talb aktar mis-soltu, priedki, penitenza, qrar speċjali.....

Hawn Malta u Għawdex għandna x-xorti li lejlet il-Milied naraw id-dimostrazzjoni b'Ġesù Bambin, li San Ġorġ Preca ordna lill-membri tiegħu tal M.U.S.E.U.M. sa mill-1921, iddur mat-toroq tal-bliet u rħula tagħna.

Lejlet il-Milied fil-Knejjes isiru attivitajiet li jagħlqu bil-quddiesa ta' nofs il-lejl. Kemm qegħdin nieħdu sehem f'dawn il-funzjonijiet reliġjużi? Il-ferħ tad-dinja jgħaddi bħal berqa, il-ferħ ta' Kristu ma jispiċċa qatt.

Ħejji post f'darek u f'qalbek għal-Ġesù fil-Milied. Żejjen xi Bambin jew presepju fl-aktar post sabiħ ta' darek, biex dawn il-ġranet tgħaddihom mehdi b'Ġesù.

Nersqu lejn is-Sagramenti b'aktar devozzjoni biex Ġesù jitwieled f'qalbna u hekk niċċelebraw tassew il-Birthday ta' Ġesù



# Wirja 2014





